MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 922/2001/1

**Raymond Debattista**

**vs**

**Edwards, Lowell Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta’ Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi trodd l-arlogg, ossia “wrist-watch”, tal-marka “Rolex” lill-attur stante illi tali arlogg huwa proprjeta’ tal-attur u li l-istess attur akkwista**

**minghand terzi in bona fide u li sussegwentement l-attur kien ser ibiegh lil certa Christopher Mallia li mar jaghmel il-verifiki dwar l-arlogg in kwistjoni mal-kumpanija konvenuta, bhala l-agent lokali tal-arloggi tal-marka "Rolex", u li l-istess kumpanija konvenuta zammet dan l-arlogg u ma radditux lura lill-attur stante illi hija qieghda tallega li l-arlogg in kwistjoni kien gie akkwistat minghandha minn persuna ohra illi kienet hallset permezz ta' cekk, liema cekk ma ssarrafx u ma giex onorat;**

**2. Bl-ispejjez u rapprezentanti u/jew diretturi tal-kumpanija konvenuta minn issa ngunti in subizzjoni;**

**3. Illi ai fini ta' kompetenza qieghed jigi dikjarat illi l-valur tal-arlogg mertu tal-proceduri odjerni ma jeccedix is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (LM3,000.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-7 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta ecceppiet is-segwenti:**

**1. Illi l-attur irid jipprova l-interess guridiku tieghu;**

**2. Illi l-arlogg in kwistjoni jappartjeni lis-socjeta' eccipjenti, li minghandha tittiehed b'mod frawdolenti, u mhux lill-attur li qatt ma kien in buona fede;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti allegati mill-attur li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi fuq istigazzjoni ta' certu Joseph Grima, "dealer" tal-karozzi, waqt ikla li kienu qed jattendu flimkien, l-attur kien imhajjar ibiegh arlogg ta' l-idejn prestiggjuz, il-mertu ta' din il-kawza, li hu kien allegatament xtara minghand certu wiehed Rossi, indikat bhala Malti Pollakk, (ara fol 10), ghalkemm aktar tard dan gie ghal darbtejn indikat bhala "Mr. Ross", (ara fol 23);**

**2. Illi hadd mill-partijiet jew mir-rapprezentanti legali taghhom ma pprotesta fir-rigward ta' din l-anomalija fin-nomenklatura ta' dan il-venditur originali fuq riferit;**

**3. Illi a fol 10 l-attur isostni li ma kien jaf xejn aktar fuq il-venditur li kkonkluda l-bejgh de quo mieghu, izda a fol 24 jittituba u jghid kemm li *"…ma kontx nafu qabel in-negozju anzi, nippreciza kont nafu qabel. Fejn joqghod ma nafx. Naf fejn kien ipoggi…";***

**4. Illi l-arlogg xtrah bl-ircevuti u bil-garanziji kollha mieghu;**

**5. Illi dan l-arlogg inghata lill-imsemmi Grima mill-attur biex jipprova jbieghhulu lil terzi;**

**6. Illi effettivamet instab xerrej prospettiv, certu Chris Mallia, li ried pero' preventivament jivverifika jekk l-arlogg kienx wiehed awtentiku jew le;**

**7. Illi l-istess attur isostni li biex issir il-verifika mitluba issuggerixxa li Grima u Mallia kellhom imorru ghand id-ditta konvenuta jew ghand certu Friggieri tas-Sliema ghaliex meta cemplulu kienu flimkien il-Belt;**

**8. Illi jirrizulta li waqt il-verifika li saret ghand is-socjeta' konvenuta gie immedjatament skopert li l-arlogg kien gie mixtri minghand l-istess socjeta' xi zmien qabel, izda c-"cheque" li permezz tieghu kien thallas l-arlogg mill-kompratur ma ssarrafx;**

**9. Illi eventwalment giet imsejha l-pulizija li mill-investigazzjonijiet taghha rrizulta li c-"cheque" kien wiehed misruq;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi pero' ghandu jinghad immedjatament li dawn il-fatti kif fuq necessarjament sintetikament kompilati, (ara artikoli 215 u 213 tal-Kap 12), ma jidhrux konfortati mill-korroborazzjoni fattwali rikjesta biex gudikant ihossu seren bizzejjed biex jivvalutahom pozittivament u dan ghas-segwenti rizultanzi:**

**1. Illi ghalkemm l-inkontru determinanti bejn l-attur u Grima sar waqt xi ikla li t-tnejn ippartecipaw ghaliha pero' minn dan il-punt-il quddiem il-versjonijiet minnhom ipprezentati jiddipartixxu u konsegwentement ma jaqblux;**

**2. Illi kien Grima li wera interess fl-arlogg li kellu l-attur;**

**3. Illi jidher li Grima nforma lill-attur li kien hemm xi terza persuna interessata f'arlogg ta' din il-kwalita' hekk prestiggjuza;**

**4. Illi effettivament ix-xhud Grima xehed li xtara l-arlogg in dizamina minghand l-attur ghall-prezz ta' elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0) ghalkemm dan hu energikament konfutat mill-attur;**

**5. Illi l-istess xhud Grima jafferma bil-gurament ukoll li eventwalment biegh dan l-arlogg lill-imsemmi Mallia ghall-prezz ta' sbatax (17) jew tmintax**

**(18) –il mitt Lira Maltin, (LM1,700.00,0 jew LM1,800.00,0);**

**6. Illi Grima jsostni wkoll li din il-kompra-vendita saret bil-kondizzjoni specifika li Mallia jivverifika l-awtenticita’ ta’ l-arlogg de quo;**

**7. Illi Mallia evetwalment dahal jaghmel din il-verifika l-Belt *“…u fejn mar qallu li kien inxtara minn dak il-post stess li morna fih permezz ta’ cekk falz”*, (ara fol 12);**

**8. Illi din il-versjoni ta’ Grima hi konfortata mid-deposizzjoni ta’ Mallia fl-interezza taghha, (ara fol 18);**

**9. Illi meta l-gestur ta’ l-agenzija tas-socjeta’ konvenuta ikkonferma li l-arlogg kien effettivament gie misruq mill-istess fond stante li c-“cheque” li bih thallas originarjament ma ssarrafx ghaliex kien wiehed precedentement misruq, allura iddahhlet il-pulizija;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-arlogg meritu ta’ din il-kawza gie konfiskat mill-pulizija waqt il-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghha;**

**Illi minhabba l-fatt li skond l-ispettur investigattiv il-“pulizija m’ghandhiex fejn” izzomm oggetti prezjuzi ta’ din ix-xorta, fuq suggeriment tal-persuna responsabbli mill-gestjoni tal-hanut proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta l-istess arlogg, ghalkemm baqa’ fil-pussess legali tal-pulizija ghaliex ikkonfiskat skond il-ligi, gie depozitat fil-kamra blindata ta’ l-istess socjeta’ li rrilaxxat ricevuta appozita lill-pulizija in konferma ta’ dan, (ara fol 28);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi skond il-"managing director" tas-socjeta' konvenuta irrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-arlogg in dizamina inxtara mill-hanut gestit mis-socjeta' konvenuta fi Triq Zakkarija, il-Belt;**

**2. Illi dan l-arlogg thallas permezz ta' "cheque" li meta sussegwentement intbaghat il-bank biex jissarraf dan gie minflok ritornat u ma ssarrafx;**

**3. Illi stante li l-arlogg mhux biss hu wiehed prestiggjuz izda hu wkoll wiehed li jinbiegh bi prezz konsiderevoli dan hu kodifikat u munit b'garanzija personalizzata;**

**4. Illi ghalhekk dan jippermetti li l-arlogg jigi facilment identifikat mill-istess "managing director" fuq indikat meta dan l-arlogg gie espost quddiemu ghal verifika tieghu, molto piu', wara li l-istess persuna kien gia' hareg ammoniment fuq l-istess arlogg, (ara fol 46);**

**5. Illi ghalhekk giet imsejha l-pulizija;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi tenut kont tal-fatti kif fuq sintetikament konsolidati l-meritu legali ndirizzat mis-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha jimmerita analizi aktar approfondit biex jghin fir-rizoluzzjoni gusta u legali tal-vertenza odjerna;**

**Illi huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju hu necessarju li jkollu interess;**

**Illi pero' kif irriteniet l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza datata l-21 ta' Mejju ta' l-1953 fl-ismijiet Cassar Torregiani ne vs Cardona, (Volum XXXVII.III.p.890):**

***"…l-interess…mhux biss irid ikun dirett u attwali, imma anki leggittimu, jigifieri konformi ghad-dritt ta' min ikun fil-kawza";***

**Illi ghalhekk l-interess guridiku jkun attwali meta, kif isostni l-Mattirolo, ("Diritto Guidiziario, Vol. I., no. 57), dan ikun ezistenti fil-mument meta l-azzjoni tigi proposta peress kif isostni l-illustri awtur, l-interess:**

***"…deve esistere al momento in cui si propone l'azione";***

**Illi in oltre, l-interess jinhtieglu jkun ukoll konkret, personali u sussistenti fil-konfront tal-konvenut maghzul mill-attur stess bhala legittimu kontradittur ghat-talbiet tieghu kontenuti fl-att gudizzjarju li jaghti bidu ghall-azzjoni legali stante l-massima ormai pacifika li:**

***"l'interesse non solo e' misura dell'azione, ma lo e' anche dell'eccezzione…",*** **(ara Vol.XXIV.II.p.628 u Vol XLI.II.p.1054);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi kif jghid ukoll il-Mattirolo op.cit.Vol I, pag.50;**

***"L'azione compete soltanto a tutela dei diritti; l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi' che, per istituire un guidizio, non basta che un fatto d'altri preguidichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e' `injuria datum', se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto";***

**Illi riferibbilment ghas-suggett attiv, il-Mortara jispjega n-nozzjoni ta' l-interess bhala:**

***"La utilita' finale della domanda guidiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto";* (Vol. II, pag.588);**

**Illi effettivament kif sewwa enuncjat il-Qorti ta' l-Appell ta' Turin fis-sentenza taghha datata s-6 ta' Dicembru ta' l-1901, (Giurisprudenza Italiana 1902, 1, 2, 386), citata mill-istess Mortara:**

***"…la legge non puo' proteggere che quell'interesse che tiene la sua base in un diritto";***

**Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili gia' citata fl-ismijiet Pulo et vs German et, datata 27 ta' Gunju ta' l-1921, Vol. XXIV.II.p.628:**

***"…l'interesse che puo' essere fondamento per intentare un'azione e' soltanto quello che deriva dalla offesa arrecata al patrimonio economico e morale per modo che non puo' esservi azione ove manchi un diritto violato…";***

**Ikkunsidrat:**

**Illi kif zvolgew il-fatti kif fuq sintetikament kompilati l-attur ma jissodisfax dan ir-rekwizit essenzjali indikat fil-paragrafi precedenti stante li xhud principali prodott minnu stess jafferma bil-gurament li hu effetivament xtara l-arlogg in dizamina minghand l-attur litigant (ara fol 12);**

**Illi ghalhekk l-attur isib ruhu minghajr ebda bazi li fuqha jista' jserrah l-allegazzjoni tieghu kontenuta fl-avviz odjern, molto piu', meta jirrizulta abbundantement assodat li s-socjeta' attrici zgur ma rrekat l-ebda forma ta' offiza ghal patrimonju ekonomiku tieghu;**

**Illi kull ma jirrizulta hu ghalhekk is-segwenti:**

**1. Illi l-allegazzjoni ta' l-attur li hu l-propjetarju ta' l-arlogg in dizamina mhix ipprovata, lanqas fil-grad ta' probabbilita', stante li xhud ipprezentat mill-istess attur isostni li hu l-proprjetarju ta' l-arlogg de quo peress li xtrah minghandu ghall-prezz ta' elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0);**

**2. Illi se mai d-dannu li hu l-limitu ta' l-azzjoni li tista' tigi proposta in vista ta' l-istess jirrizulta li gie effettwat fil-konfront ta' dan ix-xhud riferit fil-paragrafu precedenti u addirittura anke fil-konfront tas-socjeta' konvenuta li ghalkemm jirrizulta li bieghet l-arlogg de quo baqghet ma thallsitx tieghu, u b'hekk ittiehed minghandha b'mod frawdolenti;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddikjara li l-attur Raymond Debattista m'ghandux locus standi jew interess guridiku li jipprocedi bil-kawza odjerna u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara wkoll li in vista tal-premess m'hemmx aktar lok li tapprofondixxi l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' attrici, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------